**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2001**

**Numru 13**

**Citaz. Nru. 275/96 FDP**

**Paul Deguara**
**Vs**
**Jonathan Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-26 ta' Jannar 1996 fejn gie premess:-

Illi fis-26 ta' Marzu 1995 ghall-habta tas-6:00pm gewwa Hal Far waqt li iben l-attur Edward Deguara kien qed isuq van Transit nru: H-3962, propjeta` ta' l-attur, huwa safa involut f'incident tat-traffiku mal-konvenut li kien qed isuq Sherpa numru I-0625;

Illi dan l-incident gara minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li naqas li jzomm "*a proper lookout*" u "*a safe distance*" u laqat it-Transit meta dan, li kien quddiemu, beda biex jikser max-xellug tieghu fi triq laterali;

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni ammontanti ghal sitt mija hamsa u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm655.50), kif jirrizuita mill-ircevuti esebiti bhala Dok "C" u "D";

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kollizjoni li grat Hal Far fis-26 ta' Marzu 1995 bejn it-Transit H-3962 misjuq minn Edward Deguara u x-Sherpa l-0625 misjuqa mill-konvenut grat unikament b'tort u htija tal-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; u

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm655.50 jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 t'Awissu 1995 u dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 1995, it-tnejn kontra l-konvenut, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-

assikuraturi tal-konvenut, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-5 ta' Marzu 1996 tal-konvenut, fejn gie eccepit:

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwsitjoni gara unikament htija ta' Edward Deguara li jigi iben l-attur u li kien qed isuq il-vettura H-3962;

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi fejn jirrigwarda l-eccipjent m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur;

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert legali Dr. Peter Fenech, li kien gie nominat b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Gunju 1998, in sostituzzjoni tal-precedenti espert legali Dr. Miriam Hayman, wara li din giet elevata ghall-Magistratura;

Ikkonsidrat:-

Provi:

Verzjoni ta' l-attur:

Illi bin l-attur, Edward Deguara, fl-affidavit tieghu xehed li nhar is-26 ta' Marzu 1995 ghall-habta tas-6:00pm kien qed isuq il-vann ta' missieru (l-attur) numru H-3962 fir-runway ta' Hal Far. "*Ridt nikser max-xellug tieghi fid-direzzjoni ta' Ghar Hasan, u minn xi erba' tulijiet tal-vann qabel il-kantuniera xeghlt l-indicator. Meta gejt biex indur, giet daqqa minn warajja fuq il-genb tax-xellug tat-Transit. Kienet ix-Sherpa numru I-0625 misjuqa minn Jonathan Azzopardi li laqtitni. Bid-daqqa t-Transit dar u gie jhares fid-direzzjoni minn fejn kont gej.*" Deguara zied jghid li jhoss li l-konvenut ma kellux ghalfejn jahbat mieghu ghax tah indikazzjoni bizzejjed li kien ser jikser max-xellug;

Illi kontro-ezaminat Deguara qabel ma' l-iskizz esebit fil-process u anke esebixxa ritratt tat-triq fejn sehh l-incident. Huwa spjega li qabel l-incident hu u l-konvenut kienu pparkjati 'l isfel fid-direzzjoni ta' Birzebbugia. Wara li telqu mill-*parking* kulhadd mar ghal rasu. Qal li l-

konvenut f'hin minnhom naqqas is-sewqan ghal *dead slow* u huwa qalghu u gie quddiemu. Xehed li ma jafx jekk meta qalghu giex quddiemu jew 'il barra minnu;

Illi xehed ukoll li *"Meta kont ghadni fid-dritt miexi lejn il-kantuniera harist fil-mera tax-xellug, ma rajtx lill-konvenut u dort u giet id-daqqa. Minn fuq spallejja nghid li harist awtomatikament pero` xorta ma rajt xejn"* Huwa spjega li l-vann ghandu mirja fil-gnub u ohra fin-nofs tal-*windscreen*, liema mera ghandha vizwali ristretta. Dwar l-*indicator*, huwa jghid li huwa xeghlu qabel ma dar u li lahaq teptep erba' darbiet, ghalkemm imbaghad jghid li huwa ma qaghdx jghodd. Dwar *speed*, jghid li ma kienx ghaddej b'aktar minn 20 mil fis-siegha. Huwa jsostni li bejnu u bejn il-ponta li lejha kien qed idur kien hemm xi hames piedi;

Illi Stephen Borg, li fil-hin tal-habta kien riekeb bhala passiggier quddiem hdejn is-sewwieq Edward Deguara, fl-affidavit tieghu xehed *"Meta ersaqna vicin tal-kantuniera giet id-daqqa minn wara. Kien laqatna Azzopardi li ftit tal-hin qabel konna mieghu. Sadattant ahna konna mexjin bil-mod."*

Verzjoni tal-konvenut:-

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut Jonathan Azzopardi qal li hu u Edward Deguara huma kugini u li dak in-nhar ta' l-incident kienu flimkien. Ikkonferma li hu u Deguara kienu bil-karozzi taghhom, u filwaqt li hu kien wahdu, Deguara kellu lil

Stephen Borg mieghu. Wara li qalghu il-karozzi taghhom minn fejn kienu pparkjati, huma telqu flimkien, huwa fuq quddiem u Deguara warajh. Qal li ma kinux qed itellqu. *"Jiena, fid-dritt, fid-direzzjoni Luqa, kont fuq in-naha ta' gewwa, il-karreggjata tax-xellug. Fid-dritta Edward Deguara kien warajja, imtarrag mieghi, lejn il-lemin."* Kompla jghid li meta huma qorbu l-kisra li taghti ghal Ghar Hasan, Deguara, *"li kien, sa dak il-hin fuq il-karreggjata tal-lemin, u ras imb'ras mieghi, dar minn quddiemi ghal fuq ix-xellug, sabiex jldhol fi Triq Ghar Hasan."* Meta ra li l-iehor kien qed idur zamm il-*brake* pero` ma setax jevita l-impatt. Huwa jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif jidhru fl-iskizz;

Illi kontro-ezaminat il-konvenut jghid li Deguara kien ghaddej bi *speed* aktar minnu. Jghid li huwa kien dejjem ghaddej bl-istess velocita` u jichad li f'xi mument huwa naqqas l-i*speed*. Jghid li meta Deguara qalghu qabad u dar lejn ix-xellug;

Illi dwar il-punt ta' l-*indicator*, huwa qal li ma setax jara *indicator* ghax kif qalghu dar minnufieh. Qal ukoll li kien qed isuq madwar metru u nofs ghal-zewg metri 'il barra mill-genb ta' l-asfalt.

<u>Hsarat fil-vetturi</u>:-

Illi kif jidher mill-iskizz u mill-okkorrenza il-hsara fuq il-vann misjuqa minn Deguara kienet fuq il-genb tax-xellug filwaqt li l-hsara fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq il-*mudguard* tal-lemin ta' quddiem;

Kunsiderazzjonijiet:-

Illi kif osserva l-espert legali, il-manuvra li tat lok ghall-incident in kwistjoni kienet il-manuvra ta' Deguara meta dar biex jikser ghan-naha ta' Ghar Hasan, ghaliex sa dak il-mument iz-zewg vetturi kienu sejrin fid-dritt, u ghalhekk wiehed irid jezamina jekk l-istess Deguara hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel ma ddecieda li jaghmel din il-manuvra;

Illi l-konvenut xehed li Deguara kien miexi ras imb'ras mieghu fuq il-karreggjata tal-lemin u li hekk kif qalghu kiser ghal fuq ix-xeliug. Il-Qorti fil-fatt tosserva li minn kif jidhru l-hsarat fuq il-vetturi, jirrizulta li Deguara effettivament kien fuq in-naha ta' barra u li f'xi hin dar ghal fuq ix-xellug, u cioe` dahar fil-karreggjata li kien qed isuq fiha l-konvenut;

Illi Deguara qal li qabel ma huwa kiser huwa xeghel l-*indicator* u hares lejn ix-xellug mill-mera tax-xellug. Qal ukoll li minn fuq spallejh hares awtomatikament izda ma ra xejn;

Dwar l-*indicator*, kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrana, is-sewwieq mhux obbligat sempliciment li jaghti s-sinjali izda ghandu jassigura ruhu li l-istess sinjali gew osservati. L-espert legali jaghmel riferenza ghal diversi sentenzi fuq dan il-punt: Fil-kawza Pulizija vs J Bartolo (vol 38, p 868) il-Qorti kienet qalet li *"il-fatt li wiehed johrog l-indicator ma jaghtihx id-dritt li jaghmel li*

*jrid."* Fil-kawza Pulizija vs G Sapiano (App Krim. Vol 29 p558), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet li *"Hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom."* Fil-kawza Pulizija vs J Busuttil (App Krim 29.22.58) il-Qorti kienet qalet li *"is-sinjali li jaghti driver ma jassolvux lil dan id-driver mid-dover tieghu li joqghod attent ghar-road users ohra."*

Illi Deguara fl-affidavit tieghu xehed li *"Jiena nhoss li ma kellux ghalfejn jahbat mieghi ghaliex tajtu indikazzjoni bizzejjed li ser nikser max-xellug."* Fuq dan il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok hija thossha konvinta li meta Deguara kiser minn fuq il-karreggjata tal-lemin ghal dik tax-xellug il-vetturi kienu vicin wisq biex jippermettu lill-konvenut josserva xi sinjali. Di piu`, anke kieku l-konvenut kien f'posizzjoni li seta' josserva l-*indicator*, dan ma jfissirx li effettivament ra d-dwal ta' l-*indicator* iteptpu u fehem li Deguara kien ser jikser ghal fuqu, kif qabad u assuma l-istess Deguara;

Dwar il-fatt li Deguara jghid li hares mill-mera tax-xellug u anke fuq spallejh u ma ra xejn, il-Qorti taqbel ma' l-espert legali li huwa ovvju li huwa ma zammx *"a proper lookout"* rikjest mir-regoli tat-traffiku. Ghar-ragunijiet li spjegat qabel din il-Qorti, Deguara bil-fors li kien fuq il-karreggjata tal-lemin meta qabad u kiser lejn Ghar Hasan. Ghalhekk aktarx li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet imtarrga ma' tieghu u ghalhekk huwa probabbli li l-vettura tieghu ma dehritx minn dak l-angolu fil-mera tieghu. Ghalkemm jghid li anke hares "awtomatikament" fuq

spallejh, jidher li ma tax titwila fit-tul ghax kieku certament kien jara l-vettura, jew parti mill-vettura tal-konvenut;

Illi l-Qorti tirrileva li l-attur garrab il-habta mhux fuq wara imma fi kliem is-Surgent Catania "*gie milqut fuq il-gemb tax-xellug tieghu*" – ghalhekk ma kienx warajh u f'kull kaz f'dawk ic-cirkostanzi messu zgur lemah lill-konvenut fil-mirja oltre li rah meta hares fuq spallejh;

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' serjeta fis-sewqan da parti ta' Edward Deguara meta iddecieda jidhol fil-karreggjata tal-konvenut u b'hekk ostakolalu l-passagg minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jigi evitat kull periklu kemm ghalih kif ukoll ghal sewwieqa ohra.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur